STRATEĠIJA
NAZZJONALI
TAL-EDUKAZZJONI
2024 - 2030

# POLITIKA TAL-EDUKAZZJONI:

# L-EDUKATURI JFASSLU L-POLITIKA

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Awturi:**

Matthew Vella, Segretarju Permanenti

Ritianne Borg Saliba, Direttur Ġenerali, Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi

Dr Pamela Marie Spiteri, Direttur, Ippjanar u Prospettiva Strateġika

Josef Borg, Direttur, Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Politika

**Kontributuri:**

Cheryl Curmi

Marguerite Agius

Sinclair Grima

Gordon Zammit

Michelle Calleja Gafà

David Muscat

Approċċ kollaborattiv bejn:

Id-Direttorat għall-Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Politika u d-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika

# POLITIKA TAL-EDUKAZZJONI:
# **L-EDUKATURI JFASSLU L-POLITIKA**

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jħeġġeġ lill-edukaturi sabiex jieħdu rwol aktar attiv fil-proċess ta' tfassil ta' politika. Dawk kollha li jfasslu l-politika jridu jimxu fuq din il-premessa. Din il-Politika tipprovdi l-parametri meħtieġa għall-frekwenza, l-istruttura, l-udjenza mmirata u elementi oħra tal-laqgħat ta' prikonsultazzjoni. Dan id-dokument jinkludi wkoll dettalji addizzjonali dwar kif se jinġabru l-kummenti anke matul il-fażi tal-implimentazzjoni tal-politika.



# WERREJ

**Preambolu tal-Politika** 4
**Introduzzjoni** 6
**Sezzjoni A: L-Edukaturi Jfasslu l-Politika** 8
1.1 Laqgħat ta' Prikonsultazzjoni u Ġbir ta' Rispons 8
1.2 Frekwenza tal-Laqgħat ta' Prikonsultazzjoni 8
1.3 Il-Format tal-Laqgħat ta' Prikonsultazzjoni 9
1.4 L-Udjenza Mmirata 9
1.5 Ġbir ta' Rispons Wara t-Tnedija ta' Politika 10
1.6 Konklużjoni 10
**Sezzjoni B: Insaħħu lill-Edukaturi fit-Transformation Hub: Insawru l-Iżvilupp, l-Implimentazzjoni, u l-Evalwazzjoni ta' Politika għall-Edukazzjoni li Tipprepara għall-Futur** 12
2.1 Dikjarazzjoni 12
2.1.1 Għan 12
2.1.2 Ambitu 12
2.2 Rwoli u Responsabbiltajiet 12
2.2.1 L-Edukaturi 12
2.2.2 Dawk li Jfasslu l-Politika 13
2.3 Proċess tal-Politika 13
2.3.1 L-Edukaturi bħala Kontributuri għall-Politika 13
2.3.2 Dokumentazzjoni u Rapportar 13
2.3.3 Ċiklu ta' Rispons 13
2.3.4 Evalwazzjoni u Addattament tal-Politika 14
2.4 Kollaborazzjoni u Tqassim tal-Informazzjoni Miġbura 14
2.5 Kisbiet Mistennija 14
2.5.1 Titjib Kontinwu tal-Politiki 14
2.5.2 Teħid ta' Deċiżjonijiet Infurmati 14
2.5.3 Titjib fil-Kollaborazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati 14
2.6 Il-Qafas tal-Evalwazzjoni 15
2.6.1 Il-Mekkaniżmu tar-Rispons Miġbur 15
2.6.2 Kriterji tal-Evalwazzjoni 15
2.7 Reviżjoni tal-Politika 15
2.8 Impenn għall-Kunfidenzjalità u Spazju Sikur 15
2.9 Miżuri ta' Kunfidenzjalità 15
2.9.1 Linji Gwida għal Spazju Sikur 16
2.9.2 Impenn għall-Kunfidenzjalità 16
2.9.3 Evalwazzjoni Kontinwa tal-Protokolli tal-Kunfidenzjalità 16
2.10 Konklużjoni 16
**Konklużjoni Ġenerali** 18



# PREAMBOLU TAL-POLITIKA

# PREAMBOLU TAL-POLITIKA

Matul l-iżvilupp ta' din il-politika ġie adottat approċċ komprensiv biex jiżgura li l-vuċi u l-kompetenzi tal-edukaturi jkunu ċentrali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fl-2023, ġie amministrat kwestjonarju fost l-edukaturi dwar is-sodisfazzjon fix-xogħol, li r-rispons miġbur ipprovda informazzjoni siewja dwar l-isfidi u l-bżonnijiet tas-sistema edukattiva. Ir-rispons miġbur minn dan l-istħarriġ enfasizza n-neċessità li l-t-tħassib tal-edukaturi jiġi indirizzat u li l-kontribut tagħhom ikun inkluż fil-formulazzjoni ta' politiki. Barra minn hekk, l-edukaturi nnifishom enfasizzaw konsistentement l-importanza li jiġu kkonsultati fl-istadji bikrija tal-iżvilupp ta' politika u strateġija, sabiex jissaħħaħ l-irwol importanti tagħhom bħala partijiet ikkonċernati fit-tiswir tal-futur tal-edukazzjoni.

B'reazzjoni għal dan ir-rispons, matul il-fażi tal-prikonsultazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030 (NES 2024-2030) ġie adottat approċċ aktar inklussiv u sistematiku. Din il-fażi mmarkat il-bidu ta' sforz kollaborattiv biex l-edukaturi jiġu involuti b'mod dirett, u biex jiġi żgurat li l-perspettivi tagħhom mhux talli jinstemgħu, iżda jiġu integrati waqt il-proċess tal-iżvilupp tal-politiki. Permezz ta' qafas stabbilit għall-konsultazzjoni u l-involviment dirett tal-edukaturi, il-proċess tal-iżvilupp tal-politiki evolva b'tali mod li jirrifletti bl-aktar mod preċiż ir-realtajiet prattiċi tas-settur edukattiv, u finalment irawwem politiki infurmati u appoġġjati minn dawk stess li jimplimentawhom.

Din il-politika hija żviluppata b'mod kollaborattiv mid-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika u d-Direttorat għall-Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Politika, bil-għan li l-isforzi ta' ppjanar strateġiku jiġu allinjati ma' mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ, rispons, u evalwazzjoni. Bl-integrazzjoni ta' ċiklu kontinwu ta' rispons fil-proċess tal-ippjanar tal-prospettiva strateġika, din il-politika tiżgura li l-istrateġiji b'viżjoni lejn il-futur ikunu regolarment infurmati u aġġornati b'data dwar il-prestazzjoni u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati. Dan l-approċċ dinamiku jippermetti inizjattivi strateġiċi li jkunu jistgħu jiġu aġġustati fil-ħin, u jiżgura li dawn jirrispondu aħjar għat-tibdil fil-kundizzjonijiet u xejriet oħra ġodda.

# INTRODUZZJONI

# INTRODUZZJONI

Il-laqgħat ta' konsultazzjoni jservu bħala pedament fil-proċess tal-iżvilupp ta' politika, jippromwovu l-involviment sinifikanti ta' partijiet ikkonċernati u jiżguraw li perspettivi differenti jiġu kkunsidrati. Din il-politika tinkludi linji gwida ta' kif għandhom jitmexxew il-laqgħat ta' prikonsultazzjoni, sabiex jinġabar kemm input siewi matul l-istadji ewlenin tal-formulazzjoni ta' politika, kif ukoll rispons wara l-implimentazzjoni ta' politika. F'din il-politika, l-approċċ strutturat stabbilit għall-prikonsultazzjoni jiżgura li ċ-ċiklu tal-iżvilupp ta' politika jkun wieħed inklussiv, trasparenti, u jwieġeb għall-bżonnijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha ewlenin.

Bħala parti mill-NES 2024-2030, ġew identifikati żewġ miżuri kritiċi biex l-involviment tal-edukaturi fil-proċess ta' żvilupp ta' politika jiġi msaħħaħ. Dawn jinkludu "Involviment dirett u sistematiku tal-edukaturi fil-proċess ta' żvilupp ta' politika." (NES verżjoni bil-Malti paġna 41, Miżura 1.2), u "Titjib tas-sinerġija bejn is-settur tal-edukazzjoni, l-entitajiet esterni u governattivi, u tal-industrija." (NES verżjoni bil-Malti paġna 65, Miżura 2.13). Din il-politika ġiet imfassla biex dawn il-prinċipji jiġu attwati, filwaqt li tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva u rispons kontinwu minn min jimplimenta u jkun affettwat mill-politiki, biex b'hekk jiġi żgurat qafas ta' politika aktar b'saħħtu u effettiv.

# SEZZJONI A

# SEZZJONI A: L-EDUKATURI JFASSLU L-POLITIKA

**1.1 Laqgħat ta' Prikonsultazzjoni u Ġbir ta' Rispons**

1.1.1 Il-laqgħat ta' konsultazzjoni għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' politika billi jippromwovu l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u jiżguraw li perspettivi differenti jiġu kkunsidrati. Din il-politika tistabbilixxi sett ta' linji gwida dwar kif għandhom jitmexxew il-laqgħat ta' prikonsultazzjoni fl-istadju tal-abbozz tal-politika u biex jinġabar rispons wara t-tnedija tal-politika.

1.1.2 Id-dipartiment responsabbli mill-abbozz tal-politika għandu jinnomina Tim ta' Tmexxija sabiex jieħu responsabbiltà tat-tmexxija tal-proċess ġenerali tal-konsultazzjoni u tal-kompilazzjoni tal-abbozz tal-politika. In-nominazzjonijiet għall-membri tat-Tim ta' Tmexxija jiġu approvati mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (OPS MEYR).

**1.2 Frekwenza tal-Laqgħat ta' Prikonsultazzjoni**

1.2.1 Il-laqgħat ta' prikonsultazzjoni għandhom isiru fl-istadji ewlenin tal-iżvilupp tal-politika. Dawn l-istadji jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati biss għal: l-istadju ta' evalwazzjoni ta' politiki preċedenti (fejn japplika dan), l-iskop inizjali, l-istadju tal-analiżi tal-letteratura li jinkludi l-kunsiderazzjoni ta' dimensjonijiet internazzjonali u tal-UE, komplimentarjetà ma' strateġiji oħra, l-iżvilupp tal-abbozz, u l-finalizzazzjoni.

1.2.2 Il-frekwenza tal-laqgħat għandha tkun iddeterminata abbażi tal-kumplessità u l-importanza tal-politika, biex tiġi żgurata inklużività u rappreżentanza wiesgħa mingħajr ma tinħoloq għeja kawża tal-konsultazzjoni.

1.2.3 Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-laqgħat jiġu skedati fi żminijiet konvenjenti għall-partijiet ikkonċernati biex tiġi żgurata l-akbar parteċipazzjoni ta' diversi NGOs, is-soċjetà ċivili, rappreżentanti tal-industrija, u msieħba soċjali, filwaqt li jsiru biżżejjed avviżi għall-istess laqgħat.

1.2.4 Għandu jinħatar rapporteur mit-Tim ta' Tmexxija biex jagħmel monitoraġġ u jirrapporta kull laqgħa ta' konsultazzjoni.

### 1.3 Il-Format tal-Laqgħat ta' Prikonsultazzjoni

1.3.1 Il-laqgħat jistgħu jsiru b'formati diversi, inkluż b'mod fiżiku, virtwali, jew ibridi, biex jakkomodaw partijiet ikkonċernati differenti u jippromwovu l-aċċessibilità. Dawn jistgħu jinkludu workshops, gruppi fokali, webinars, laqgħat fil-Kunsilli Lokali, sondaġġi, jew konferenzi, skont l-objettivi u l-preferenzi tal-partijiet ikkonċernati.

1.3.2 Għandhom ikunu pprovduti minn qabel aġendi ċari, preżentazzjonijiet, u materjal ieħor li jiffaċilita parteċipazzjoni sinifikanti u diskussjoni infurmata.

1.3.3 Fi żmien tlett ijiem, ir-rapporteur appuntat għandu jikkomunika mat-Tim ta' Tmexxija l-minuti u sommarju tar-rispons miġbur mil-laqgħat ta' konsultazzjoni.

### 1.4 L-Udjenza Mmirata

1.4.1 It-Tim ta' Tmexxija appuntat huwa responsabbli biex jidentifika l-partijiet ikkonċernati ewlenin li għandhom ikunu inklużi fil-proċess ta' konsultazzjoni.

1.4.2 Il-partijiet ikkonċernati ewlenin interni jistgħu jinkludu, iżda mhux limitati biss għal: edukaturi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tad-Dipartiment (Kurrikulu), Kapijiet tal-Iskejjel, Kapijiet tan-Network tal-Kulleġġi u persuni oħra ewlenin fi ħdan in-Networks tal-Kulleġġi, Dipartimenti u Taqsimiet oħra fi ħdan l-MEYR, u entitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ministeru.

1.4.3 Il-partijiet ikkonċernati esterni jistgħu jinkludu edukaturi minn setturi oħra.

1.4.4 Il-partijiet ikkonċernati esterni jistgħu jinkludu, iżda mhux neċessarjament limitati biss għal: Ministeri oħra, speċjalment dawk li għandhom relazzjoni diretta mas-settur edukattiv, inklużi l-Ministeri responsabbli għall-Politika Soċjali, l-Ugwaljanza, l-Inklużjoni, l-Ekonomija, ix-Xogħol, it-Turiżmu, l-Ambjent u l-Ekonomija; Aġenziji Governattivi, Entitajiet, u Awtoritajiet; rappreżentanti mill-industrija; assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, NGOs, entitajiet akkademiċi, komunitajiet oħra affettwati (eż. studenti) u l-pubbliku ġenerali.

1.4.5 Għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa sabiex tiġi inkluża r-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni ta' dawk il-komunitajiet u gruppi li, kemm fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea (UE) u internazzjonali, regolarment jiġu identifikati f'riskju li jinsabu maqtugħin mis-sistema edukattiva, it-tagħlim tul il-ħajja jew f'riskju ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

1.4.6 Għandu jkun hemm strateġiji mfassla apposta biex ikun hemm l-involviment u jintlaħqu gruppi ta' partijiet ikkonċernati differenti, u b'hekk tiġi żgurata r-rappreżentanza ta' komunitajiet emarġinati jew ta' dawk b'nuqqas ta' rappreżentanza.

1.4.7 Għandhom jintużaw mezzi ta' komunikazzjoni u ħidma mmirata biex jintlaħqu n-nies sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni u d-diversità tal-perspettivi.

**1.5 Ġbir ta' Rispons Wara t-Tnedija ta' Politika**

1.5.1 Wara t-tnedija ta' politika għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi għall-ġbir ta' rispons kontinwu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-impatt.

1.5.2 Jistgħu jintużaw diversi mezzi għall-ġbir tar-rispons, inklużi intervisti u sondaġġi, konsultazzjonijiet pubbliċi/konferenzi, laqgħat mal-partijiet ikkonċernati, linji diretti ta' freephone, pjattaformi online, u sottomissjonijiet bil-miktub.

1.5.3 It-Tim ta' Tmexxija huwa responsabbli biex jiżgura trasparenza u responsabbiltà fil-proċess tar-rispons, billi jipprovdi aġġornamenti regolari dwar ir-rispons mogħti u l-azzjonijiet meħuda.

1.5.4 It-Tim ta' Tmexxija huwa responsabbli li jevalwa u jirrevedi l-politika perjodikament, abbażi tar-rispons mogħti, il-bżonnijiet li jevolvu u t-tibdil taċ-ċirkostanzi.

**1.6 Konklużjoni**

1.6.1 Laqgħat effettivi ta' prikonsultazzjoni u ġbir ta' rispons huma komponenti essenzjali ta' żvilupp ta' politika trasparenti u inklużiva. Permezz ta' dawn il-linji gwida, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jindirizzaw il-ħtiġijiet u t-tħassib tagħhom stess.

1.6.2 Din il-politika għandha l-għan li tippromwovi t-trasparenza, l-inklużjoni, u r-responsabbiltà matul iċ-ċiklu tal-iżvilupp ta' politika, u b'hekk ittejjeb il-kwalità u l-effettività tal-operat u l-missjoni tal-Ministeru.

# SEZZJONI B

# SEZZJONI B: INSAĦĦU LILL-EDUKATURI FIT-TRANSFORMATION HUB: INSAWRU L-IŻVILUPP, L-IMPLIMENTAZZJONI, U L-EVALWAZZJONI TA' POLITIKA GĦALL-EDUKAZZJONI LI TIPPREPARA GĦALL-FUTUR

## 2.1 Dikjarazzjoni

Din is-sezzjoni tal-politika tifformalizza l-irwol tal-edukaturi bil-parteċipazzjoni fit-Trasformation Hub, permezz ta' metodoloġiji diversi (eż. gruppi fokali, studji tal-każ, esperimentazzjoni, sondaġġi), bil-għan li tinġabar informazzjoni li tgħin fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni kontinwa ta' politika. L-għan huwa li jinħoloq ċiklu kontinwu ta' rispons li jippermetti teħid ta' deċiżjonijiet addattabbli u mibni fuq l-evidenza.

### 2.1.1 Għan

L-għan ta' din is-sezzjoni tal-politika huwa li tiżgura li t-Transformation Hub jopera bħala pjattaforma dinamika fejn l-edukaturi jikkontribwixxu direttament fl-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki u strateġiji edukattivi. L-involviment tal-edukaturi f'metodoloġiji strutturati jipprovdi informazzjoni dwar l-isfidi attwali kif ukoll opportunitajiet potenzjali futuri fi ħdan is-settur edukattiv, u b'hekk itejbu l-kwalità u r-relevanza tal-politiki.

### 2.1.2 Ambitu

Din il-politika tapplika għall-edukaturi kollha mis-setturi kollha tal-edukazzjoni obbligatorja li, b'mod volontarju u/jew permezz ta' nominazzjoni li jkunu aċċettaw, jipparteċipaw fit-Transformation Hub. Tapplika wkoll għal dawk li jfasslu l-politika, il-Grupp tat-Tmexxija tal-Forum tal-Prospettiva Strateġika tal-Edukazzjoni f'Malta (MEFF), in-Network tal-Esperti, u partijiet ikkonċernati oħra li jikkollaboraw mal-edukaturi, sabiex l-informazzjoni miksuba tiġi integrata fil-qafas ta' politika.

## 2.2 Rwoli u Responsabbiltajiet

### 2.2.1 L-Edukaturi

- Jipparteċipaw fit-Transformation Hub, inkluż iżda mhux limitat għal: gruppi fokali, sondaġġi, riċerka tal-azzjoni, u esperimentazzjoni b'riżorsi innovattivi, biex jiġu esplorati politiki, strateġiji, metodi pedagoġiċi, innovazzjonijiet kurrikulari, u teknoloġiji ġodda.
- Jiddokumentaw u jikkomunikaw ir-riżultati ta' dawn il-metodoloġiji, u jirrimarkaw is-suċċessi, l-isfidi, u l-impatti osservati mill-prestazzjoni tal-istudenti.
- Jipprovdu rispons kontinwu lil dawk li jfasslu l-politika u partijiet ikkonċernati oħra dwar l-applikazzjoni prattika ta' politiki edukattivi u strateġiji nazzjonali.
- Jikkontribwixxu fl-evalwazzjoni perjodika ta' politiki eżistenti bbażati fuq l-applikazzjoni prattika tagħhom fil-klassi u fl-ambjent usa' tal-iskola.

### 2.2.2 Dawk li Jfasslu l-Politika

- Jużaw id-data u r-rispons mit-Transformation Hub biex jiżviluppaw, jimplimentaw, u jevalwaw politiki edukattivi.
- Jikkollaboraw mal-edukaturi u partijiet ikkonċernati oħra (bħal studenti, familji, NGOs, entitajiet) biex itejbu l-politiki skont l-evidenza reali pprovduta mill-Hub.
- Jiżguraw li l-politiki jibqgħu adattabbli u relevanti, u li jindirizzaw sfidi preżenti u futuri bħall-assenteiżmu, in-nuqqas ta' kisbiet akkademiċi, u żvantaġġ soċjali billi r-rispons kollu jgħaddi għand is-sidien ta' dik il-politika.

## 2.3 Proċess tal-Politika

### 2.3.1 L-Edukaturi bħala Kontributuri għall-Politika

- L-edukaturi jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw fit-Transformation Hub permezz ta' proċess ta' applikazzjoni b'mod volontarju.
- L-edukaturi jistgħu wkoll jiġu nnominati mit-Tim ta' Tmexxija Anzjan fi ħdan l-MEYR, iżda jridu jaċċettaw din il-ħatra b'mod volontarju biex jipparteċipaw fit-Transformation Hub.
- L-edukaturi se jagħtu r-rispons permezz ta' metodoloġiji magħżula mid-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika, biex tinġabar informazzjoni dwar l-effettività ta' politiki ġodda u eżistenti, strateġiji nazzjonali, u għal skop ta' riċerka bi prospettiva strateġika, kif immexxi mill-Forum tal-Prospettiva Strateġika tal-Edukazzjoni f'Malta (MEFF), b'attenzjoni fuq applikazzjonijiet prattiċi biex jiġu indirizzati kemm l-isfidi attwali u dawk futuri fi ħdan is-sistema edukattiva.

### 2.3.2 Dokumentazzjoni u Rapportar

- Il-Koordinaturi tal-Hub se jkunu responsabbli għad-dokumentazzjoni tar-riżultati minn kull metodoloġija, inklużi kemm data kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva (eż. l-involviment tal-istudenti, ir-rispons minn partijiet ikkonċernati).
- Se jkun hemm sistema ta' rapportar standardizzata biex tkun żgurata konsistenza fil-ġbir tad-data u l-faċilità li jiġi magħruf u mgħoddi r-rispons ma' setturi differenti.
- Rispons f'format kunfidenzjali jintbagħat lis-sidien tal-politika u r-rapport dwar xi tibdil fir-rispons jintbagħat lid-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika u lid-Direttorat għall-Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Politika (PMED).

### 2.3.3 Ċiklu ta' Rispons

- L-informazzjoni miksuba mill-Hub se tiġi kkomunikata mas-sidien tal-politika u mat-Tim ta' Tmexxija tal-MEFF regolarment, u b'hekk jiġi żgurat li r-rispons li jinforma l-iżvilupp tal-politika jkun kontinwu.
- Dan iċ-ċiklu ta' rispons ikun formalizzat permezz tat-twaqqif tal-MEFF, fejn il-Grupp ta' Tmexxija jwettaq sessjonijiet ta' reviżjoni fuq bażi ta' tliet xhur (jew skont il-bżonn), u matulhom, id-data miġbura tiġi diskussa bil-possibiltà li jsiru emendi fil-politika.

2.3.4 Evalwazzjoni u Adattament tal-Politika

- Il-politiki se jiġu evalwati kif iggwidati mis-sidien tal-politika kif ukoll mill-PMED, abbażi tar-rispons mill-Hub, fejn isiru l-emendi meħtieġa f'ħin realistiku biex titjieb l-implimentazzjoni u jiġu indirizzati kwistjonijiet mhux mistennija.
- Is-suċċess kemm ta' metodoloġiji ġodda kif ukoll ta' politiki eżistenti se jkun evalwat billi jiġi stabbilit proċess ta' evalwazzjoni annwali, biex tkun żgurata l-addattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-politika.

**2.4 Kollaborazzjoni u Tqassim tal-Informazzjoni Miġbura**

- Involviment Kollaborattiv: L-edukaturi se jaħdmu mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati fis-settur edukattiv, inkluż mal-komunità usa', biex jiġi żgurat li l-politiki jkunu kemm inklużivi kif ukoll applikabbli b'mod prattiku.
- Tqassim tal-Informazzjoni Miksuba mal-Pubbliku: L-informazzjoni miksuba mill-Hub se tiġi mqassma permezz ta' rapport uffiċjali mis-sidien tal-politika, kif ukoll se tkun qed toħroġ ċirkulari wara li jkun seħħ tibdil abbażi tar-rispons miġbur, biex b'hekk tinħoloq trasparenza u titqanqal parteċipazzjoni usa' mal-ekosistema edukattiva.

**2.5 Kisbiet Mistennija**

2.5.1 Titjib Kontinwu tal-Politiki

- L-involviment dirett tal-edukaturi fil-proċess tal-iżvilupp ta' politika jiżgura approċċ fejn il-politiki jitjiebu kontinwament, sabiex jirriflettu l-bżonnijiet dejjem jevolvu u r-realtajiet tal-klassi.

2.5.2 Teħid ta' Deċiżjonijiet Infurmati

- Min ifassal il-politika jkollu aċċess għal data u informazzjoni attwali, li jippermetti teħid tad-deċiżjonijiet aktar infurmat u f'waqtu u li jwieġeb aħjar għax-xenarju edukattiv attwali.

2.5.3 Titjib fil-Kollaborazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati

- Sħubija aktar b'saħħitha bejn l-edukaturi, min ifassal il-politika, u l-esperti jwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet mibni fuq evidenza u msaħħaħ mill-kollaborazzjoni, sabiex jiġu żgurati politiki edukattivi prattiċi, inklużivi, u effettivi.

## 2.6 Il-Qafas tal-Evalwazzjoni

### 2.6.1 Il-Mekkaniżmu tar-Rispons Miġbur

- Ġbir tad-Data: L-edukaturi se jipprovdu data permezz ta' diversi metodoloġiji, li se jkunu miġbura mid-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika. Id-data se tiġi analizzata mis-sidien tal-politika biex jipprovdi informazzjoni dwar l-impatt tal-politiki.
- Reviżjoni tal-Politika: Is-sidien tal-politika jwettqu reviżjonijiet interni, u d-Direttorat għall-Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Politika jagħmel reviżjoni fuq bażi ta' kull tliet xhur.
- Rispons dwar l-Implimentazzjoni: Evalwazzjoni kontinwa tal-implimentazzjoni ta' politika tiżgura li l-politiki jibqgħu effettivi u addattabbli.

### 2.6.2 Kriterji tal-Evalwazzjoni

- Il-kriterji tal-evalwazzjoni jvarjaw, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-politika jew strateġija kif stabbilit mis-sidien tal-politika.
- L-effettività tal-politika tiġi evalwata wkoll skont jekk tilħaqx l-objettivi u l-miri definiti fil-pjan ta' azzjoni tal-politika jew strateġija, li jistgħu jinbidlu skont il-ħtiġijiet edukattivi u/jew ir-rispons.

## 2.7 Reviżjoni tal-Politika

Din is-sezzjoni tal-politika se tiġi riveduta fuq bażi annwali mill-Grupp tat-Tmexxija tal-MEFF, l-edukaturi, u l-partijiet ikkonċernati involuti fit-Transformation Hub. Isiru l-emendi skont il-bżonn, ibbażati fuq ir-rispons miġbur u l-bżonnijiet li jkunu meħtieġa fis-sistema edukattiva.

## 2.8 Impenn għall-Kunfidenzjalità u Spazju Sikur

It-Transformation Hub huwa impenjat li jservi ta' post sikur u kunfidenzjali fejn l-edukaturi, min ifassal il-politika, u l-partijiet ikkonċernati jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod miftuħ u kollaborattiv fit-tiswir ta' politiki edukattivi. Kull skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-Hub se tiġi ttrattata bl-akbar kunfidenzjalità, biex tiġi żgurata l-privatezza u l-protezzjoni tal-parteċipanti kollha.

## 2.9 Miżuri ta' Kunfidenzjalità

- Anonimità tad-Data: Id-data kollha miġbura mill-parteċipanti se tinżamm anonima fir-rapporti biex jiġi żgurat li ebda individwu ma jkun jista' jiġi identifikat, sakemm l-individwu stess ma jagħtix il-kunsens tiegħu/tagħha.
- Ġestjoni Sikura tad-Data: Id-data, kemm jekk kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, se tinżamm b'mod sikur u tkun aċċessibbli biss minn persuni awtorizzati. Se jintużaw pjattaformi sikuri għall-ġbir, il-ħażna, u l-iskambju tad-data biex jiġi evitat kull aċċess mhux awtorizzat.

- Privatezza tar-Rapportar: Ir-riżultati, ir-rapporti, u l-iskambju ta' informazzjoni mill-Hub se jinġabru f'data aggregata biex tiġi protetta l-anonimità tal-parteċipanti. Rispons individwali qatt ma jkun żvelat jekk mhux bil-permess minn qabel.
- Sessjonijiet Kunfidenzjali ta' Reviżjoni: Sessjonijiet ta' reviżjoni, inklużi dawk imwettqa mill-Grupp tat-Tmexxija tal-MEFF jew korpi oħra ta' reviżjoni, se jsiru b'mod privat, sabiex jiġi żgurat li d-diskussjonijiet u l-kisbiet jitqassmu biss mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod li tiġi mħarsa l-anonimità tal-parteċipanti kollha.

### 2.9.1 Linji Gwida għal Spazju Sikur

- Rispett lejn il-Vuċijiet Kollha: Il-Hub jippromwovi ambjent fejn l-opinjonijiet u l-perspettivi diversi huma milqugħa mingħajr biża' ta' ġudizzju jew ritaljazzjoni. Il-parteċipanti kollha huma mħeġġa jinvolvu ruħhom b'rispett fi djalogi kostruttivi.
- Protezzjoni minn Konsegwenzi Negattivi: Il-parteċipanti għandhom garanzija ta' protezzjoni minn kwalunkwe konsegwenzi negattivi jew ritaljazzjoni bħala riżultat tal-kontributi jew rispons tagħhom. Kull tħassib dwar ksur tal-kunfidenzjalità jew imġiba mhux xierqa se jiġi indirizzat immedjatament permezz ta' mezzi xierqa.
- Tħassib dwar ir-rapportar: Jekk xi parteċipant iħoss li l-kunfidenzjalità tiegħu ġiet kompromessa jew li nkiser id-dritt tal-ispazju sikur, jista' jirrapporta dan direttament lill-Koordinaturi tal-Hub jew lid-Direttorat għall-Ippjanar u l-Prospettiva Strateġika. Kwalunkwe kwistjoni ta' dan it-tip tiġi investigata u solvuta mill-ewwel.

### 2.9.2 Impenn għall-Kunfidenzjalità

Iż-żamma tal-kunfidenzjalità u l-iżgurar ta' atmosfera sikura u ta' appoġġ huma kritiċi għas-suċċess tat-Transformation Hub. Il-parteċipanti għandhom iħossuhom kunfidenti li l-kontributi tagħhom se jkunu mħarsa u trattati b'rispett, sabiex dan jippermetti kollaborazzjoni miftuħa u onesta fl-iżvilupp tal-politika.

### 2.9.3 Evalwazzjoni Kontinwa tal-Protokolli tal-Kunfidenzjalità

Il-protokolli tal-kunfidenzjalità se jkunu riveduti fuq bażi annwali flimkien mal-proċess ta' evalwazzjoni tal-Hub biex jiġi żgurat li jkomplu jissodisfaw l-ogħla standards. L-aġġustamenti jsiru kif meħtieġ biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-privatezza tal-parteċipanti u tiġi mħarsa l-integrità ta' spazju sikur.

## 2.10 Konklużjoni

Din il-politika tiżgura li l-edukaturi, permezz ta' involviment strutturat fit-Transformation Hub, ikollhom rwol ċentrali fit-tiswir, l-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni tal-politiki edukattivi. Iċ-ċiklu kontinwu ta' rispons bejn il-Hub u min ifassal il-politika se jrawwem sistema edukattiva li tirrispondi aħjar, taddatta u tevolvi fi żmien reali biex tissodisfa l-bżonnijiet tal-istudenti, l-edukaturi, u s-soċjetà, kemm għall-preżent kif ukoll għall-futur.

# KONKLUŻJONI ĠENERALI

## KONKLUŻJONI ĠENERALI

Il-proċess tat-twettiq tal-laqgħat tal-prikonsultazzjoni u tal-ġbir ta' rispons wara l-implimentazzjoni huwa essenzjali mhux biss biex tiġi żgurata trasparenza u inklużività, iżda wkoll biex il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-edukaturi, jiġu mħeġġa jieħdu approċċ b'viżjoni lejn il-futur. L-edukaturi, bħala kontributuri ewlenin fil-proċess tat-tfassil tal-politika, għandhom mhux biss jindirizzaw l-isfidi preżenti fis-sistema edukattiva, iżda wkoll jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet dwar il-prospettiva strateġika. Dan ifisser li jikkunsidraw ix-xenarji li qed jevolvu fl-edukazzjoni, l-avvanzi teknoloġiċi, it-tibdil soċjali, u l-bżonnijiet futuri tal-istudenti u l-edukaturi.

Filosofikament, l-iżvilupp ta' politika m'għandux jitqies biss bħala reazzjoni għaċ-ċirkustanzi preżenti, iżda bħala proċess dinamiku u b'viżjoni lejn il-futur. Il-pożizzjoni unika li jinsabu fiha l-edukaturi tgħinhom jantiċipaw tendenzi u bżonnijiet futuri, bħall-integrazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) fit-tagħlim, metodi pedagoġiċi li qed jevolvu, u l-ħiliet meħtieġa għall-forza tax-xogħol tal-futur. Billi jikkontribwixxu għal dawn id-diskussjonijiet fit-tul, l-edukaturi jgħinu fit-tiswir ta' politiki li jkunu adattabbli, reżiljenti, u ppreparati għall-futur. Dan l-approċċ proattiv jiżgura li l-politiki żviluppati preżentement mhux biss isolvu kwistjonijiet kurrenti iżda wkoll jistabbilixxu l-pedament għal sistema edukattiva li twieġeb għall-isfidi u l-opportunitajiet ta' għada.

Permezz ta' dawn l-isforzi, din il-politika għandha l-għan li toħloq ambjent fejn l-edukaturi u l-partijiet ikkonċernati l-oħra jistgħu jipprovdu informazzjoni intwittiva infurmata u b'viżjoni lejn il-futur, u b'hekk ikollhom rwol kruċjali fit-titjib kontinwu tas-sistema edukattiva. Permezz ta' dan il-livell ta' involviment, l-MEYR tiżgura li l-politiki tagħha mhux biss ikunu rilevanti għall-preżent iżda jkunu siewja wkoll biex jiggwidaw is-settur edukattiv lejn futur sostenibbli u progressiv.

STRATEĠIJA
NAZZJONALI
TAL-EDUKAZZJONI

2024 - 2030